**-Kollizzjoni- Skid- Likwidazzjoni ta' danni-Dizabilita' Permanenti -**

***- Working Life Expectancy- Lump Sum Payment -***

***-Damnun Emergens - Lucrum Cessans -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Jannar, 2001**

**Kawza Numru 5**
**Citazzjoni Numru 2713/97/RCP**

**Alexandra Saliba Sammut u Gaetano Saliba**

**vs**

**Joseph Attard**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn l-atturi ppremettew:-

Billi fl-4 ta' Dicembru 1995 waqt li Alexandra Saliba Sammut kienet qed isuq il-vettura K-9439 go St. Anthony Street, M'Scala din kienet involuta f'incident mal-vettura J-0756 misjuqa mill-konvenut meta dan invada l-karreggjata tal-attrici u saret il-habta; u

Billi dan l-incident gara unikament tord tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regoli tas-sewqan meta invada l-karregjata tal-attrici u konsegwenza ta' dan l-esponenti sofrew bosta danni materjali kif ukoll Alexandra Saliba Sammut spiccat b'disabilita permanenti;

L-istess atturi talbu lil din il-Qorti li lill-konvenut:-

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident u ghad-danni li b'rizultat tal-istess soffrew l-esponenti;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah ihallas is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Novembru 1997, indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenuta u dik tas-6 ta' Ottubru, 1997 indirizzata lill-

konvenut u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process.

Rat li l-konvenut Mario Borg gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz ghas-smiegh permezz tal-procedura *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** anke permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali ippubblikati fl-10 u 27 ta' Marzu, 1999 rispettivament u li baqa' ma pprezentax nota ta' l-eccezzjonijiet, u li ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju, 1999 fejn gie nominat bhala espert mediku Mr. Carmel Sciberras sabiex jirrelata dwar id-dizabilita permanenti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru, 2000 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat li l-konvenut baqa' ma deherx ghall-kawza u ma pprezenta ebda rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Illi ghalkemm il-konvenut hu kontumaci l-atturi xorta ghandhom jippruva il-kaz taghhom.

"*Huwa pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni*" (**"Charles Saliba vs Salvu Borg"** – Appell 27-6-1997) u "*skond kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f' certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabilixxi l-verita` tal-fatti*" (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – P.A. FDP 30-6-1995).

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra biex taghti s-sentenza, wara li semghet il-provi li tressqu dwar il-kaz.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) RESPONSABILITA` TAL-INCIDENT

Illi l-kawza titratta dwar kollizzjoni li saret f' St. Anthony Street, Marsascala, fejn id-dinamika tal-incident hija s-segwenti, u cioe` li Alexandra Saliba Sammut waqt li kienet qed issuq il-vettura K-9439 go l-imsemmija triq u cioe` St. Anthony Street, Marsascala, sfat involuta f'incident mal-vettura tal-konvenut Joseph Attard li kien qed isuq il-vettura J-0756 u dan meta l-imsemmi konvenut invada l-karreggjata ta' l-attrici u b'hekk saret il-habta.

Illi mill-provi kollha prodotti inkluz l-iskizz, m'hemmx dubju li kien il-konvenut li invada l-karreggjata tal-

attrici u b'hekk gie ikkawzat l-incident *de quo* bil-konsegwenzi tieghu kollha.

Illi din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma u konvinta li t-tezi ta' l-atturi hija dik veritiera. Dan anke minhabba l-fatt illi minkejja li l-konvenut huwa kontumaci, huwa qatt ma deher il-Qorti biex jikkontradixxi l-provi prodotti, u ghalhekk l-istess konvenut ma ta' ebda gustifikazzjoni ghaliex huwa spicca *wrong side*, li kien oneru tieghu li jipprova dan, sabiex inehhi minn fuqu r-responsabilita' tal-incident.

Illi fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2000 xehed ukoll is-Surgent tal-Pulizija **PS 91 Michael Buttigieg** li qal illi "*jiena wasalt ovvjament fuq il-post wara l-incident ... il-posizzjoni il-posizzjoni tal-karozzi fuq l-isketch hija kif rajtha jien b'ghajnejja*". Ma kienx hemm allegazzjoni li l-karozzi gew imcaqqalqa.

Illi mill-okkorrenza esebita w immarkata bhala Dok. MB1 jirrizulta illi nhar l-4 ta' Dicembru, 1995 ghall-habta tad-9.30a.m. sehh incident tat-traffiku fi Triq St. Anthony, Marsascala bejn vettura Subaru K-9439 misjuqa minn Sandra Saliba (l-attrici) u vettura Honda J-0756 misjuqa minn Joseph Attard (il-konvenut). Iz-zewg xufiera ittiehdu l-isptar fejn gew ezaminati t-tnejn li huma u l-attrici inzammet l-Isptar. Jirrizulta wkoll, mill-okkorrenza esebita, illi z-zewg vetturi kellhom hsarat estensivi fejn K-9439 kellha quddiem

kollu u wara, u vettura J-0756 kellha quddiem kollu. Jintqal ukoll illi minn indagini li ghamlet il-Pulizija ma Sandra Saliba, din qalet illi waqt li kienet tiela fi direzzjoni lejn Haz-Zabbar go l-imsemmija triq f'daqqa kien niezel tal-Honda u baqa' diehel dirett go fiha. Joseph Attard *a tempo vergine* qal lill-pulizija li huwa kien fid-direzzjoni lejn Marsascala u l-vettura tieghu skidjat peress li kienet ix-xita u saret il-habta. (Vide fol. 75 u 76 rispettivament tal-process).

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, il-konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident li sehh fl-4 ta' Dicembru 1995 u dan peress li jirrizulta car li l-istess konvenut naqas li jzomm kontroll tal-vettura tieghu, billi jibqa' jsuq l-istess fuq il-karreggiata tieghu bla ma jkun ta' perikolu ghall-utenti l-ohra tal-istess triq, b'mod li dan spicca fuq in-naha hazina tat-triq, minghajr ebda raguni.

Illi dan qed jinghad peress li l-fatt li kienet ix-xita, u l-konvenut qed jallega li skidja, certament ma jiggustifikax lill-konvenut fis-sewqan traskurat tieghu, stante li l-fatt li t-triq tkun imxarrba jpoggi responsabilita' ikbar fuq is-sewwieq sabiex isuq b'iktar attenzjoni, u *di piu`* l-iskid hija haga newtrali, fis-sens li wiehed irrid jezamina kif gie kkawzat, u minnu innifsu la jimponi htija, izda lanqas issarraf ghall-ezoneru mir-respsonsabilita'.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz *de quo* jirrizulta li l-konvenut, minhabba li ma kienx attent tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, u spicca *wrong side* proprju ghaliex ma kienx attent fis-sewqan tieghu, u b'konsegwenza ta' dan skiddja, u spicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. *Di piu`* l-konvenut ma ressaq ebda provi sabiex jiggustifika din il-manuvra perikoluza tieghu, u ghalhekk ghazndhu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u ghall-konsegwenti danni sofferti mill-istess attrici.

## (B) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Illi fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2000 **l-attrici** xehdet li hija spizjara u li damet diversi xhur fejn ma setghatx tahdem fl-ispizerija *Medicaid,* Gudja u kellha tqabbad diversi spizjara sabiex jidhlu minflokha, liema somma giet ikkwantifikata mill-istess attrici fl-ammont ta' hames mija, tmienja u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm588.50) kif ukoll kien hemm xi granet fejn l-ispizerija kellha tghalaq ghax ma instabux spizjara b'rizultat ta' '*loss of profits'* ta' mitejn u sebgha u erbghin lira (Lm247). Illi gew esebiti wkoll l-'*income tax returns'* ghas-snin 1995 u 1996.

Illi mill-ezami taghhom jirrizulta illi *n-net profit* ta' l-attrici kien ta' Lm1,835 (*year of assessment* 1996 –

basis year 1995) u Lm2,748 (*year of assessment* 1997 – *basis year* 1996).

Illi xehed ukoll fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2000 **Gaetano Saliba**, l-attur l-iehor, li qal illi "*meta marti kellha l-incident jien kelli nassisti lilha personalment kif ukoll lil baby ta' xahrejn. Minhabba f'hekk jiena kelli naghlaq l-istabiliment biex nassisti lilha, u t-telf li soffrejt f'dan il-perjodu gie kkalkolat mill-accountant li ammonta ghal mitejn u tlieta u hamsin lira (Lm253)".*

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-attrici soffriet dizabilita' permanenti kemm fl-irkoppa li skond l-espert mediku Mr. Carmel J. Sciberras hija ta' disa' fil-mija (9%), u kif ukoll dizabilita f'wiccha ta' tnejn fil-mija (2%) skond l-espert mediku l-Prof. J.M. Portelli, kollox kif jirrizulta mir-rapporti medici tal-istess esperti medici rispettivi a fol. 106 u 114 tal-process.

Illi l-attrici Alexandra Saliba Sammut hija spizjara, u d-dhul ta' l-attrici ghas-snin (year of assessment) 1996 u 1997 kien ta' Lm3,519 u Lm2,442 rispettivament. Illi jekk tiehu l-medja ta' dawn iz-zewg ammonti (Lm3,519 + Lm2,442 = Lm5,962 / 2) tigi s-somma ta' Lm2,981. Hija l-*"gross salary*" li huwa relevanti sabiex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni kemm huwa dovut lill-attrici jekk din tipprova l-kaz taghha. Fil-fatt il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Pace pro et noe vs Joseph Abela"** sostniet illi:

"... *l-income tax u l-kontribuzzjonijiet tan-National Insurance li l-mejjet kien ikollu jhallas kieku baqa' haj m'humiex fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta wiehed jigi biex jistabilixxi l-paga medja annwali tieghu ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-qliegh futur*". Dan il-punt ta' l-income tax diga gie deciz fis-sens accennat minn din il-Qorti (P.A. "**Carmela Muscat et vs Francis Schembri et"** – 27 ta' Jannar 1972; "**Av. Dr. Giovanni Bonello noe vs Tarcisio Gatt"** – 31 ta' Lulju 1980).

Illi mill-okkorrenza esebita mis-Surgent tal-Pulizija PS 91 Michael Buttigieg jirrizulta illi l-attrici twieldet fit-28 ta' Mejju, 1967. B'hekk meta sehh l-incident *de quo* u cioe` fl-4 ta' Dicembru, 1995 hija kellha tmienja u ghoxrin (28) sena u tenut kont tal-**Artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jipprovdi li l-*"persuna responsabbli ghandha twiegeb* (inter alia) *ghat-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".* **Fl-artikolu 1045 (2)** tali "*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u il-grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara",* jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in esami, u li fiha il-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta' deskrizzjoni,

proprju minhabba l-fatt li huma ikunu qed jezaminaw b'mod akkurat kull kaz fid-dettalji kollha tieghu.

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** (A.C 16 ta' Novembru 1983) *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha idejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha,*

*sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *" din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandiex tkun marbuta ma decizzjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena", u* tali principju gie konsistentement segwiet u zvilluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, w inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinjonistiku".* **("Karen Zimelli vs Michael Sammut" - P.A.) ("Anna Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited gia' Pre Pacj Limited -** P.A. RCP 24 ta' Marzu 2000).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et"** (P.A. 1.3.1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. 8 ta' Marzu 1996); **"Robert Barbara vs Saviour Galea"** (P.A.11 ta' Ottubru 1996); **"Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. N.A. 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (App. 7 ta' Lulju 1998);

**"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et"** (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998", fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Anton Debono vs Law. Qunitano Foodservice Limited"** (P.A. R.C.P. 24 ta' Marzu 2000 gie rilevat li din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering",* giet mehuda wkoll oltre f'certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom **"Mary Bugeja vs George Agius"** (P.A. J.H. 12 ta' Jannar 1987) li sostniet illi *"l-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom … … … Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandhu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita'. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-realta'".* Din fil-fatt ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u

kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **"Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine"** (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u **"Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine"** (G.M.B.) fejn inghad illi *"L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali w ingust ta' haddiehor m'huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni".*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesa' imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu, 1986 intqal illi:

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-chances and changes tal-hajja".*

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet **"Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Mejju, 1984 intqal illi:

*"il-perjodu tal-multiplier ghandu dejjem jigi kunsidrat li jibda jiddekorri mid-data ta' l-incident. Id-danni necessarjament jigu likwidati wara l-incident, u xi drabi ftit wara l-incident u xi drabi ohra, stante proceduri legali li fin-natura taghhom jinvolvu t-trapass taz-zmien, xi ftit snin wara l-incident u eccezzjonalment bosta snin wara. Il-fatt li jkun ghadda z-zmien sa kemm jigu likwidati d-danni m'ghandux jaffettwa l-metodu ta' likwidazzjoni li ghandu dejjem jibqa' l-istess billi l-perjodu tal-multiplier dejjem jibda jiddekorri mid-data tal-incident. Altrimenti l-likwidazzjoni bil-multiplier ma jsirx b'mod uniformi..."*

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe."** (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1995 intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-'lump sum payment' il-*

*Qorti, fl-iskorti ta' decizzjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".* Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm bhala regola din l-evalwazzjoni ghandha tigi applikata, pero' certament mhux *sine qua non* stante li dan jiddependi hafna fuq ic-cirkostanzi tal-kaz *de quo,* u fl-opinjoni tal-Qorti, hemm kazijiet fejn lanqas dan il-persentagg ghal-*lump sum payment* lanqas ghandha titnaqqas, ghaliex lanqas tirrifletti r-realta' tad-danni sofferti, u din id-decizzjoni ghandha tkun imhollija f'idejn il-gudikant li jkun qed jezamina l-istess kaz fid-dettalji kollha tieghu, nkluz il-likwidazzjoni ta' danni sofferti.

Illi l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar, 1980 fl-ismijiet **"Vincenza Vella Dalmas vs John Ghigo et"** qalet illi:

*"B'telf ta' qliegh wiehed ma ghandux jifhem biss telf ta' salarju jew hlas iehor li huwa jircievi izda ghandu jinkludi l-ispejjez kollha li minhabba fl-infortunju l-persuna jkollha taghmel ghaliex hija se jkollha titlef dawn il-flus minhabba f'dan l-infortunju".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li l-attrici Alexandra Saliba Sammut kellha 28 sena meta gara l-incident u ghalhekk kieku kellha tibqa' tahdem kellha "*working life expectancy*" ta' cirka 32 sena u fic-cirkostanzi ma thossx li ghandha tapplika *multiplier* inqas, minn dan l-ammont ta' zmien, anke ghaliex ma ngabu ebda provi ghaliex dan ghandu jkun inqas.

Illi jirrizulta wkoll illi din l-attrici soffriet debilita permanenti ta' 9% skond ir-rapport tal-espert mediku Carmel J. Sciberras a fol. 106 et seq. tal-process fejn jirrizulta li:

*"Mrs. Saliba has been left with a defective knee. The patellar tendon, though healed is a bit lax and this makes for an unsteady knee because she cannot actively extend the knee fully in order to "lock" it in place. Hence she will always have a slight limp. Moreover, her inability to squat will interfere with her jobs as a housewife and mother and as a pharmacist.".*

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, l-ammont li ghandu jigi likwidat favur Alexandra Saliba Sammut ghar-rigward ta' l-ewwel disabilita` permanenti huwa s-segwenti:

Lm2981 x 32 x 9% = Lm8585.28

Illi minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu 20% ta' *'lump sum payment*' u kwindi l-ammont li qed jigi likwidat favurha hu ta' Lm8585.28 – Lm1717.05 hu ta' Lm6868.23.

Illi jirrizulta wkoll illi din l-attrici soffriet debilita` permanenti ta' 2% skond ir-rapport tal-espert mediku l-Professur J. M. Portelli a fol. 113 et seq. tal-process fejn jirrizulta li:

"*Fl-opinjoni tieghi s-Sinjorina Saliba Sammut soffriet f'wiccha d-dizabbilita totali ta' gisimha ta' tnejn fil-mija (2%). Dan ma jinkludix id-dizabbilitajiet f'partijiet ohra ta' gisimha".*

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, l-ammont li ghandu jigi likwidat favur Alexandra Saliba Sammut fir-rigward ta' din it-tieni disabilita permanenti huwa s-segwenti:

Lm2981 x 32 x 2% = Lm1907.84

Illi minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu 20% ta' *'lump sum payment*' u kwindi l-ammont li qed jigi likwidat favurha hu ta' Lm1907.84 – Lm38.16 hu ta' Lm1869.68.

Illi ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut bhala *lucrum cessans* huwa ta' Lm6868.23 + Lm1869.68 = Lm8737.91.

Illi a rigward ta' l-ammont mitlub mill-atturi bhala *dannum emergens* u cioe` l-ammont ta' Lm1,406.68, (dan jinkludi l-ammont ta' Lm227 rappresentanti pagamenti ta'  Lm45 fol. 8 + Lm12 fol. 9 + Lm 12 fol. 9 + Lm 12 fol. 9 + Lm12 fol. 10 + Lm 12 fol. 10 + Lm 62 fol. 12 + Lm 12 fol. 11 + Lm 12 fol. 11 + Lm 30 fol. 11 rispettivi mhallsa lill-Mr Charles Grixti;  l-ammont ta' Lm395 fol. 15 rappresentanti *dental service fees* imhallsa lill-Dr. Anthony Pascal;  u l-ammonti ulterjuri ta' Lm159 skond is-segwenti ricevuti [Lm20 fol. 19 + Lm12 fol. 19 + Lm16 fol. 19 + Lm15 fol. 20 + Lm24 fol. 20 + Lm8 fol. 20 + Lm12 fol. 21 + Lm24 fol. 21 + Lm16 fol. 21 + Lm12 fol. 22].  Illi ma dan l-ammont irid jizdied ukoll l-ammont ta' Lm105 fol. 23 + Lm2.38 fol. 24 + Lm18.30 fol. 25 ghall-spejjez medici ohra skond ricevuti hemm ezebiti, + Lm247 fol. 79 (loss of profits) + Lm253 fol. 79 (loss of profits)) dan irrizulta li huwa gustifikat anke mir-ricevuti u prospetti esebiti kif ukoll li kif diga ntqal, dan l-ammont ma giex kontradett.

Illi ma dan l-ammont ghandu jizdied l-ammont ta' Lm3000, rappresentanti l-ispejjez necessarji tul il-hajja naturali ta' l-attrici ta' 70, 75 sena circa, sabiex hija tkun tista' tibdel id-dentatura perjodikament kull 8 jew 10 snin, kif jirrizulta li jkun hemm bzonn isir

permezz tac-certifikat mediku esebit a fol 17 tal-process, li bhala procedura tinsab konfermata li ghandha ssir skond ir-rapport mediku tal-Professur Jane Portelli tal-25 ta' Frar 2000.

Illi ghalhekk l-ammont ta' *damnum emergens* huwa ta' Lm4,406.68, rappresentanti kwantu ghall-Lm1406.68 l-ispejjez fuq indikati, u Lm3000 ghat-tibdil ta' l-istess snien kif fuq spjegat.

Illi konsegwentement qed jigi likwidat l-ammont li ghandu jithallas lill-atturi in linea ta' danni skond is-segwenti: a favur ta' l-attrici Alexandra Saliba Sammut is-somma ta' Lm4,153.68; u a favur l-attur Gaetano Saliba s-somma ta' Lm253. Illi kwindi l-ammont globali li ghandu jithallas lill-atturi in linea ta' danni kawza tal-incident premess hu ta' tlettax-il elf, mija u erba' u erbghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm13,144.59) liema ammont ghandu jithallas lill-atturi mill-istess konvenut.

## III. KONKLUZZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-istess konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan li:

(1) Tiddikjara li dan l-incident tal-4 ta' Dicembru 1995 f'St. Anthony Street, Marsascala, gara tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlettax-il elf, mija u erba' u erbghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm13,144.59,)

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi l-ammont ta' tlettax-il elf, mija u erba' u erbghin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm13,144.59) bhala danni sofferti mill-atturi kawza ta' l-istess incident.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Novembru, 1997 u ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Ottubru, 1997 kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Raymond C. Pace LL.D.**
**25 ta' Jannar, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 ta' Jannar, 2001**